MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Numru 241/2005

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Paul D'Amato, iben Louis,
imwieled iż-Żurrieq fis-27
ta' lulju, 1960

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-27 ta' novembru, 2004 u fil-jiem u fix-xhur ta' qabel, fil-Fgura, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u li jikkonsistu f'vettura tal-marka Peugeot 206, bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali ANA 030, u

vettura oħra tal-marka Toyota Corsa, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBI 047;
2. talli fl-istess żmien lok u ċirkostanżi, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li għarraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kien hekk sar jaf.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 334 u 334A tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500).  Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-marka Toyota Corsa, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBI 047.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------